Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9533 — KKR/Arta Capital/Alvic)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 314/12)

1. Fl-10 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— ARTÀ CAPITAL S.G.E.I.C. S.A. ("Arta", Spanja),

— Grupo Alvic FR Mobiliario, S.L. ("Alvic", Spanja).

KKR y Arta jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Alvic kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal KKR: ditta ta' investiment globali li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi alternattivi lill-investituri tas-suq pubbliċi u privati u tipprovdi soluzzjonijiet għas-swieq tal-kapital għall-impriża, għall-kumpaniji tal-portafoll tagħha u lill-klijenti tagħha;

— għal Arta: ditta Spanjola tal-ekwità privata fin-nofs tas-suq;

— għal Alvic: id-disinn, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' komponenti tal-għamara bbażati fuq il-panelli għall-kċejjen, kmamar tal-banju, gwardarobbi u materjali tal-uffiċċji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9533 — KKR/Arta Capital/Alvic

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt li ġejjin:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("Ir-Regolament dwar l-Għaqdiet")).
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.